**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- GIMGHA 18 TA' JANNAR, 2002**

**Avviz Nru: 1684/01 AJD**

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Victor Borg Barthet**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00), prezz ta' merkanzija varja mibjugh u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Settembru, 2001, u bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tal-11 ta' Jannar, 2002, fejn Dr. Rossignaud informa lit-Tribunal li l-konvenut kien effetwa l-pagament tas-sorte fil-mori tal-kawza, u li ghalhekk is-socjeta' attrici kienet qed iccedi s-sorte izda zzomm ferm il-kap tal-ispejjes. Dan kien ukoll ikkonfermat mill-konvenut prezenti fl-imsemmija seduta tal-11 ta' Jannar, 2002.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**